# Il-Ħadd 23.06.2019

1. Illum 23/06, **Il-Ġisem u d-Demm ta' Ġesù - Corpus Christi**:
   - Fil-5:00pm - Adorazzjoni mmexxija mill-Kappillan.
   - Fis-6:00pm - Quddiesa solenni ċċelebrata minn Kan. Dr Jonathan Farrugia, bil-professjoni ta' fratelli u sorelle ġodda u animata mill-Kor *'Sine Macula'*.
   - Fis-6:45pm - Purċissjoni bis-Santissimu Sagrament, bis-sehem tal-Fratellanzi u tat-tfal tal-Ewwel Tqarbina, tgħaddi minn: Misraħ il-Knisja, Triq San Pawl, Triq San Ġużepp, Misraħ San Ġużepp, Triq Santa Marija, Triq Dun Ġużepp Caruana, Triq l-Iskola, Triq iż-Żurrieq, Misraħ il-Knisja għall-Knisja Parrokkjali.

2. Il-Ġimgħa 28/06, **Il-Qalb ta' Ġesù -** *L-Ewwel Jum tal-Kwaranturi*:
   - Mit-8:00am 'il quddiem - Adorazzjoni personali;
   - Fis-5:45pm - Ħin għall-Qrar.
   - Fis-6:00pm - Adorazzjoni animata mill-membri tal-MUSEUM, mit-tfal tad-Duttrina u mill-Abbatini li tagħlaq bil-Barka Sagramentali.
   - Fis-6:30pm - Quddiesa u wara it-Tfal tal-Ewwel Tqarbina jingħataw tifkira.

3. Is-Sibt 29/06, **L-Imnarja -** *It-Tieni Jum tal-Kwaranturi*:
   - Mit-8:00am 'il quddiem - Adorazzjoni personali;
   - Fis-6:00pm - Adorazzjoni animata mill-membri tal-K.P.P. li tagħlaq bil-Barka Sagramentali.
   - Fis-6:30pm - Quddiesa.

4. Il-Ħadd 30/06, **Festa tal-Qalb ta' Ġesù -** *It-Tielet Jum tal-Kwaranturi*:
   - Il-ġbir li jsir fil-quddies ta' dan il-jum ser jkun "l-Offerta ta' San Pietru", jiġifieri Offerta b'risq l-għotjiet ta' karità li jagħmel il-Papa ma' ħutna l-aktar fil-bżonn, speċjalment ma' dawk milqutin minn xi emerġenza, diżastru naturali jew gwerra.
   - Mill-10:45am 'il quddiem - Adorazzjoni personali;
   - Fil-5:30pm - Adorazzjoni animata mill-Fratellanzi u l-Kor *'Sine Macula'*;
   - Fis-6:00pm - *Quddiesa tal-Qalb ta' Ġesù* ċċelebrata mill-Kan. Ġorġ Spiteri, Viċi tal-Parroċċa ta' Santa Katarina V.M. taż-Żejtun;
   - Fis-6:45pm - *Purċissjoni* bis-Santissimu Sagrament bis-sehem tal-Fratellanzi u tat-tfal tal-Ewwel Tqarbina li fiha jsir l-Att ta' Konsagrazzjoni lill-Qalb ta' Ġesù. Tagħlaq bil-Barka Sagramentali fuq iz-zuntier, u ġġib fi tmiemhom il-Kwaranturi. Il-Purċissjoni tgħaddi minn: Misraħ il-Knisja, Triq San Pawl, Triq San Ġużepp, Misraħ San Ġużepp, Triq Santa Marija, Triq il-Kenn, Triq Ta' Ġawhar, Triq l-Iskola, Triq iż-Żurrieq, Misraħ il-Knisja għaz-zuntier tal-Knisja Parrokkjali fejn tingħata l-Barka Sagramentali.

5. Avviżi oħra:
   - Qed jiftħu applikazzjonijiet għall-Korsijiet, u 10 Boroż ta' Studju ta' € 2,000-il waħda għal min japplika għall Masters, li qed jiġu offruti mill-Fakultà tat-Teoloġija fi ħdan l-Università ta' Malta, kif ukoll mill-Istitut ta' Formazzjoni Pastorali bbażat fl-Istitut Kattoliku, Floriana. Dan biex diversi minnkom jitħarju jidħlu aktar fil-fond tal-għarfien ta' aspetti tal-fidi nisranija. Dettalji jinkisbu mill-websites u l-facebook pages rispettivi: (https://www.um.edu.mt/theology/prospective u www.maltapfi.org).

6. Matul din il-ġimgħa daħlu:
   - € 295 bħala ġabra speċjali b'risq il-Festa ta' San Pawl. Grazzi.

7. Nitolbu għal Redent Cachia li għadda għal ħajja ta' dejjem din il-ġimgħa.
   Agħtih o Mulej il-mistrieħ ta' dejjem ...